**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 223/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**
**(Spettur Mario Xiberras)**
**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Brooks (Brooks Espedito) LIA**

**Illum, 23 ta' Ottubru 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija nhar is-17 ta' Mejju 2023 fil-konfront ta' **Brooks (Brooks Espedito) LIA** ta' 48 sena, bin Vincent Lia u Angiolina Lia nee` Meilak, imwieled il-Pieta` nhar id-9 ta' April 1973, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 016073(M), li ġie mixli talli:

1. Nhar id-29 ta' Awwissu 2021 bejn l-għaxra u nofs ta' filgħaxija (22:30) u l-ħdax ta' filgħaxija (23:00), volontarjament ta n-nar lill-bieb tal-ħanut bl-isem 'Romano Cassar Florist', li jinsab ġewwa Triq il-Ħammieri, Qormi għad-detriment ta' Ivan Cassar minn Ħal Qormi u/jew persuni oħra, filwaqt li l-ħruq seta' qabbad bini ieħor, għarix jew lok ieħor fejn f'dak il-waqt kien hemm ġewwa xi persuni;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli u ċioe` għamel ħsara volontarja fuq bieb tal-ħanut imsemmi, liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix l-elfejn u ħames mitt ewro (€2,500), iżda jiskorri l-mitejn u ħamsin ewro (€250) għad-detriment ta' Ivan Cassar u/jew entitajiet oħra.

Il-Qorti ġiet mitluba illi f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tikkundanna lill-ħati għall-ħlas, lir-Reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li kellhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, hekk kif maħsub fl-Artikolu 533 *et sequitur* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tqis lill-imputat Brooks (Brooks Espedito) Lia bħala li hu reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li kien misjub ħati b'diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta` ta' Ivan Cassar minn Ħal Qormi u tal-familjari tiegħu.

**B. IS-SENTENZA APPELLATA**

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, filwaqt li ma sabitx lill-imputat (illum l-appellant) ħati tat-tieni imputazzjoni u lliberatu minnha, u filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva stante li ma ġietx ippruvata kif imiss, wara li rat l-Artikolu 317(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil **Brooks (Brooks Espedito) LIA** ħati tad-delitt addebitat fl-ewwel imputazzjoni u kkundannatu għal tliet snin u tliet xhur priġunerija effettiva.

Għall-fini u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-ħati jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti, is-somma ta' elf mija u tlieta u tmenin Ewro (€1,183), rappreżentanti terz (1/3) tal-ispejjeż komplessivi[1] li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, fi żmien sena mid-data tas-sentenza.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat ukoll lill-ħati **Brooks (Brooks Espedito) LIA**, sabiex iħallas lil Ivan Cassar is-somma ta' mija u ħamsa u tletin Ewro u għaxar ċenteżmi (€135.10) ossia terz tal-ispejjeż tat-tiswija tal-ħsarat subiti b'riżultat tal-kommissjoni tar-reat li dwaru nstab ħati, in linea ta' kumpens għat-telf soffert.

Dan l-ordni kellu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Il-Qorti ordnat ukoll il-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati għall-protezzjoni tas-sigurta` ta' Ivan Cassar u l-familja immedjata tiegħu għall-fini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien tliet (3) snin, liema żmien għandu jibda jiddekorri kif tiġi skontata l-piena ta' priġunerija.

## C. L-APPELL INTERPOST

[1] Total ta' €3,548.55: €345.27, David Borg Saydon (Dok. DBS); €3,109.01, Keith Cutajar (Dok. KC1, fol. 138); €29.67, Dr. Katya Vassallo (Dok. KV1, fol. 84) u €64.60, PC 1285 Graham Cassar Bonaci (Dok. GCB).

3. Illi **LIA** appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex "*tilqa' dan l-appell billi TIRRIFORMA s-sentenza appellata billi filwaqt li TIKKONFERMAHA fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, THASSARHA U TIRREVOKAHA in kwantu ghall-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz*".

## D. RISPOSTA TAL-AVUKAT ĠENERALI

4. Illi l-Avukat Ġenerali wieġbet għar-rikors tal-appell tal-appellant LIA billi sostniet illi l-appell intavolat mill-appellant għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' Mejju 2023 għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha, u dan għar-raġunijiet indikati fl-istess risposta.

## E. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

5. Illi l-partijiet trattaw l-appell fl-udjenza miżmuma quddiem din il-Qorti nhar id-29 ta' Mejju 2024.

## F. KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar id-29 ta' Awwissu 2021, għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħaxija, il-Pulizija ġewwa l-Għassa ta' Ħal Qormi, ġew infurmati mill-Kamra tal-Kontroll tal-Pulizija, illi kien hemm garaxx ġewwa Triq Ħammieri, Qormi, li kien qed jaqbad. Sussegwentement irriżulta illi dan kien ħanut li jbiegħ il-fjuri, bl-isem ta' 'Romano Cassar'. Għalhekk il-Pulizija tad-Distrett irrikorrew fuq il-post, fejn hemmhekk sabu bieb ta' garaxx/ħanut li kien miksi bl-iswed, stante illi kien għadu kemm ħa n-nar. Il-Pulizija tkellmu mas-sid, ċertu Ivan Cassar, li min-naħa tiegħu qal li ma kellu xi jgħid ma' ħadd, iżda li xi ġranet qabel dan l-inċident, huwa kien ħareġ minn kuntratt ta' bejgħ ta' proprjeta` li kellu jsir ma' zewġ persuni ta' nazzjonalita` Taljana. B'dan il-każ ġiet

infurmata l-Maġistrat tal-Għassa Dr. Josette Demicoli, li pproċediet billi ħatret numru ta' esperti sabiex jgħinuha fl-Inkjesta Maġisterjali.

7. Jirriżulta wkoll illi ġew elevati numru ta' filmati mill-*cameras* tas-sigurta` fl-akkwati, mil-liema filmati ġewwa Triq Ħammieri, Qormi, ġiet innutata vettura tal-għamla Suzuki Alto, li waqfet ftit 'l isfel mill-imsemmi garaxx u illi ftit sekondi wara, reġgħet saqet iktar 'l isfel. Ftit wara, fl-istess filmat dehru żewġ persuni, wieħed irqieq – li iżjed tard fl-investigazzjoni rriżulta li kien l-appellant odjern - u wieħed oħxon, li dehru ġejjin viċin il-garaxx, bil-persuna ħoxna iġġorr *jerrycan* f'idha, filwaqt illi l-persuna rqieqa tistenna viċin ħanut tal-pastizzi. Mill-filmat deher kif il-persuna ħoxna qegħdet il-*jerrycan* bil-*fuel* ħdejn il-bieb tal-garaxx, bil-persuna rqieqa tagħti n-nar lil dan il-*jerrycan*. Minn filmat ieħor miġbur minn ġewwa Triq San Ġorġ, Qormi, ġie nnutat illi l-vettura msemmija kellha numru ta' reġistrazzjoni KBH 056, liema vettura kienet reġistrata fuq ċertu Albert Debattista. Irriżulta meta ġie mitkellem Luke Debattista, iben Albert Debattista, illi din il-vettura kienet fil-pussess ta' missieru. Għaldaqstant ġie mitkellem Albert Debattista, li stqarr illi bejn il-25 ta' Awwissu 2021 u l-1 ta' Settembru 2021, din kienet tinsab għand il-mekkanik, Christoper Borg, għal xi tiswijiet. Sussegwentement, ġie esegwit mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront ta' Borg, li da parti tiegħu, stqarr illi huwa kien silef il-vettura lill-appellant. Irriżulta wkoll mill-*localisation* taċ-ċellulari tal-istess appellant, illi fil-lejl tal-inċident, madwar ħames minuti qabel inħaraq il-bieb in kwistjoni, dan kien jinsab kantuniera 'l bogħod minn fejn seħħ il-ħruq. Għaldaqstant inħareġ u ġie esegwit mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront tal-appellant LIA, li mill-bidu kkopera mal-Pulizija u ammetta l-involviment tiegħu, u kixef ukoll lill-kompliċi li kien miegħu fil-lejl in kwistjoni. L-istqarrija rilaxxjata mill-appellant fid-9 ta' Settembru 2021 tinsab esebita a fol. 84 *et seq* tal-proċess. Il-verżjoni tal-appellant ġiet ukoll ikkorroborata minn filmati oħrajn ta' *cameras* tas-sigurta` li nġabru matul l-investigazzjoni.

8. Sussegwentement, nhar l-10 ta' Settembru 2021, l-appellant tressaq taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u kif ingħad, nhar is-17 ta' Mejju 2023 ingħatat is-sentenza appellata fil-konfront tiegħu.

9. Illi l-aggravju tal-appellant huwa wieħed u jikkonċerna l-piena nflitta in kwantu fil-fehma tiegħu, din ma kinitx waħda ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi tal-każ. L-appellant jikkontendi illi għalkemm il-piena erogata mill-ewwel Qorti tirrientra fil-parametri tal-liġi għar-reat li tiegħu nstab ħati, u hija piena fil-minimu, madankollu, ma kien hemm xejn li jżomm lill-ewwel Qorti, li kieku dehrilha denju u xieraq, milli timponi sanzjoni alternattiva taħt il-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, f'forma ta' xogħol komunitarju taħt l-Artikolu 11 jew ta' Ordni ta' *Probation*, taħt l-Artikolu 7 tal-istess Kapitolu. Isostni l-appellant illi minkejja illi l-piena erogata kienet waħda li tqarreb lejn il-minimu, fid-dawl tal-fatt illi huwa kkopera bis-sħiħ matul l-investigazzjoni, il-piena setgħet tkun tali illi tinċentiva iżjed lill-appellant sabiex ikompli miexi fit-triq tas-sewwa, u dan fil-waqt illi jingħata t-trattament neċessarju fir-rigward tal-vizzju tad-droga. Skont l-appellant, l-ewwel Qorti tat piż eċċessiv lill-effett deterrenti tal-piena, mingħajr ma qieset l-importanza tal-aspett riformattiv tas-sentenza tagħha, oltre illi ma qisietx il-kooperazzjoni tiegħu mal-Pulizija li wasslet sabiex jinkixef il-mandant tiegħu, u f'dan is-sens, għalhekk, il-piena hija waħda eċċessiva. Isosnti illi huwa seta' jiġi konċess l-opportunita` illi ma jitlifx il-progress illi huwa għamel fl-aħħar snin sabiex jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga, u jkompli fit-triq it-tajba li huwa qabad. Jisħaq għalhekk illi huwa għandu jingħata piena alternattiva għal dik ta' priġunerija u dan skont id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

10. Illi jibda biex jingħad illi huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita` illi jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Dwar dan, fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Awwissu 2005, fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek**, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) irreferiet għal *Blackstone's Criminal Practice 2004,* filwaqt illi kompliet tgħid illi din hija l-posizzjoni adottata konsistentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kemm fis-sede Superjuri, kif ukoll f'dik Inferjuri:

> **"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of**

**Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...*that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle*." Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."**[2]

11. Illi għalhekk din il-Qorti ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti sempliċiment għaliex din tippreskrivi piena ogħla minn dik li din il-Qorti kienet tagħti li kieku kienet hi li erogat il-piena. Sabiex l-appell jirnexxi, jeħtieġ illi l-appellant juri illi l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Jeħtieġ għalhekk illi din il-Qorti tagħmel l-analiżi tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva, meta wieħed iqis ukoll l-aspetti retributtivi u preventivi tal-piena.[3]

---

[2] Hawnhekk dik il-Qorti rreferiet għall-paġna 165, para. D23.45

[3] Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Ottubru 2019, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk, Mallem Abderrahmane, Lazhari Zamouche**.

12. Hawnhekk issir referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fil-każ fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler</u>** tas-26 ta' Frar 2009, fejn il-Qorti qieset hekk:

> … meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

13. Jirriżulta mill-atti proċesswali illi l-appellant instab ħati tar-reat kif miġjub fl-ewwel imputazzjoni, liema reat huwa dak imsejjes fuq l-Artikolu 317(b) tal-Kodiċi Kriminali, li jikkontempla piena ta' priġunerija minn tliet (3) snin sa ħames (5) snin. Għalhekk, kif jgħid tajjeb l-appellant, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) erogat piena karċerarja fil-minimu. Huwa minnu wkoll illi l-parametri tal-piena, kif preskritti fl-Artikolu 317(b) tal-Kodiċi Kriminali, kienu jippermettu piena alternattiva għal dik ta' priġunerija effettiva bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Biss l-ewwel Qorti, wara li kkunsidrat iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u anke tal-appellant, fiż-żmien in kwistjoni, dehrilha – korrettement fil-fehma ta' din il-Qorti - illi kellha teroga piena ta' priġunerija effettiva. Fil-fatt minn qari tas-sentenza appellata, jirriżulta illi għall-fini ta' piena, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qieset l-ammissjoni bikrija tal-appellant, mhux fil-proċeduri, iżda mal-Pulizija Eżekuttiva u l-kooperazzjoni sħiħa tiegħu matul l-investigazzjoni, "*tant illi mhux biss spjegalhom l-irqaqat kollha is-sekwenza tal-fatti marbutin mad-delitt u tahom ukoll il-ħwejjeġ li kien liebes waqt il-kommissjoni tad-delitt, iżda fuq kollox żvela l-identita` tal-mandant tiegħu, allegatament ċertu Damiano Alfio Raniro Torrisi, li in segwitu ġie arrestat u jinsab akkużat quddiem il-Qorti b'rabta mal-istess ħruq volontarju.*" L-ewwel Qorti qieset ukoll illi l-appellant ma kienx il-mandant, iżda kien kompliċi fid-

delitt u illi l-kommissjoni tal-istess delitt ma kinitx premeditata minnu, iżda għall-kuntrarju, jidher illi huwa ġie żvijat mill-kompliċi tiegħu sabiex imur fuq il-post u jwettaq ir-reat, bl-ewwel Qorti terġa' tisħaq illi huwa kixef id-dettalji kollha tal-każ, u assista lill-Pulizija pjenament u b'mod assolut waqt l-investigazzjoni tagħhom. Mill-banda l-oħra, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qieset ukoll il-fedina penali oneruża ferm tal-appellant, u illi minkejja illi huwa kkopera bis-sħiħ mal-Pulizija Eżekuttiva waqt l-investigazzjoni - konfessjoni li ġiet ikkonfermata wkoll fix-xhieda tiegħu matul il-proċeduri - huwa baqa' ma rreġistrax ammissjoni f'dawn il-proċeduri, b'dan għalhekk illi l-proċeduri kellhom jinstemgħu fit-totalita` tagħhom fuq medda ta' sena u nofs.

14. Ma' dan, din il-Qorti tqis ukoll in-natura serja tar-reat in kwistjoni u sehem l-appellant fl-istess u illi kieku ma kienx għall-intervent f'waqtu mill-ġirien, seta' kollu konsegwenzi ferm iżjed traġiċi.

15. Din il-Qorti qed tikkunsidra wkoll illi mix-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* Mary Anne Zammit tat-22 ta' April 2024, quddiem din il-Qorti, jirriżulta illi hija qegħda ssegwi lill-appellant fuq Ordni Provviżorja ta' Superviżjoni maħruġa fis-26 ta' Settembru 2023, u għalhekk wara d-data tas-sentenza appellata, għalkemm hija kienet diġa` rriskontrat lill-appellant fil-passat, inkluż fuq Ordni ta' *Probation* fis-sena 2004 u fis-sena 2018, meta huwa applika għall-*parole,* f'liema żmien kien qed jagħmel programm fi ħdan *Rise* u kien jidher li sejjer tajjeb. Tixhed illi l-problema predominanti tal-appellant hija d-droga, u illi huwa kien ilu juża d-droga minn meta kellu ħmistax-il sena. In kwantu għas-superviżjoni riċenti tagħha, hija tixhed illi jidher illi l-appellant kien qed jagħmel progress f'dan l-aspett, stante illi l-kampjuni tal-urina kollha illi huwa ssottometta bejn Ottubru 2023 u April 2024 irriżultaw ilkoll fin-negattiv għal teħid ta' sustanzi lleċiti. Tixhed in oltre illi lejn nofs Jannar 2024, huwa beda jaħdem ma' kumpanija tat-tindif u kien hemm rapporti tajbin min-naħa tad-datur tax-xogħol tiegħu.

16. Fil-waqt illi m'hemmx dubju illi x-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* fir-rigward tal-appellant hija waħda pożittiva, tenut kont mill-banda l-oħra, illi l-piena erogata mill-ewwel Qorti kienet waħda mhux biss fil-parametri tal-liġi, iżda anzi kif ingħad, fil-minimu tagħha, u għalhekk illi ma kinitx waħda manifestament eċċessiva, u tenut kont in oltre tan-natura tar-reat li

tiegħu l-appellant instab ħati, din il-Qorti ma tqisx illi għandha tiddisturba l-piena inflitta mill-ewwel Qorti. Hawnhekk din il-Qorti qed tikkunsidra wkoll, kif għamlet l-ewwel Qorti qabilha, il-fedina penali ferm refrattarja tal-appellant, b'reati li jirrisalu għas-sena 1991, meta l-appellant allura kellu kważi tmintax-il sena, illi tinkludi kundanni dwar reati varji, bl-istess appellant jiġi kkundannat għal pieni pekunjarji disa' darbiet, sentenzi ta' priġunerija effettiva seba' darbiet (inkluż piena ta' tlettax-il sena priġunerija dwar tentattiv ta' omiċidju), Ordni ta' *Probation* tliet darbiet u liberazzjoni kundizzjonata darbtejn. Minkejja dan kollu, jirriżulta evidenti illi matul is-snin l-appellant baqa' ma tgħallem xejn u kompla fil-ħajja kriminuża li jidher li qabad minn eta` tenera. F'dan il-kuntest il-Qorti qed tqis ukoll illi minkejja li l-Uffiċjal tal-*Probation* tixhed illi fis-sena 2018, huwa kien qed isegwi programm fi ħdan *Rise* u kien jidher li sejjer tajjeb, tliet snin wara huwa kkommetta r-reat odjern. Għalhekk din il-Qorti tirribadixxi illi fil-waqt illi r-rapport tal-Uffiċjal tal-*Probation* dwar l-appellant huwa wieħed pożittiv, dan ma jwassalhiex sabiex tiddipartixxi mid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti sabiex teroga piena ta' priġunerija effettiva. Wara kollox, m'hemm xejn xi jżomm lill-appellant milli jkompli jikkonsolida l-progress li huwa qed jagħmel fil-ġlieda tiegħu kontra d-droga minn ġewwa l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi, fejn jista' jkompli jingħata l-għajnuna, inkluż permezz ta' programmi ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. Il-Qorti għalhekk tawgura illi l-appellant juża dan iż-żmien ġewwa l-imsemmija Aġenzija għall-benefiċċju tiegħu stess, billi jfittex u jottjeni l-għajnuna li għandu bżonn, bi preparazzjoni għal meta jerġa' jsib ruħu fil-komunita`.

17. Illi għalhekk l-aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**DECIDE**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, taqta' u tiddeciedi billi tiċħad l-appell ta' **Brooks (Brooks Espedito) LIA** u tikkonferma s-sentenza appellata.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**